KUNSILL LOKALI KALKARA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2/2023

17 ta' Frar 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier ( is-Sur Bruno daħal għal-laqgħa fit-3:00pm ) |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Bruno informa lis-Seg Eżek fl-istess data li ser ikun ftit tard għal din is-seduta

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

### Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

2.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

2.1. Ma kellniex.

2.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

2.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 1.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjur Vincent Bongailas u ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana l-minuti ġew approvati unanimament.

**Punti mill-Minuti Preċedenti :**

2.3 A. Punt 1.3.D Ġbir ta' Skart u 'Wheely Bins'

Is-Sindku ta spjega lill-kunsill dwar laqgħa li kellu mar-Reġjun Port fejn ġiet diskussa s-sitwazzjoni tal-iskips fil-lokalitajiet fosthom fil-Kalkara li huwa wieħed mill-aktar lokalitajiet li jagħmel użu b'servizz lir-residenti mill-iskips il-ħodor.

Is-Sindku fl-introduzzjoni tiegħu għal dan il-punt irrepeta issues li kienu diġa' ġew diskussi f'seduti preċedenti abbażi tal-kuntratt il-ġdid fi ħdan ir-Reġjun Port. Enfasizza illi l-prassi tal-Gvern Ċentrali hija dik li n-nies tirriċikla u mhux li jarmi dak li jrid fil-'wheely bins' u għalhekk il-kuntratt il-ġdid ma jinkludix l-iskips. L-ispiża l-ġdida għal kollezzjoni tal-iskips minn Jannar 2023 irduppjat għal kunsill minn dak li kienet tħallas fil-passat meta l-kuntratt kien għadu fi ħdan il-kunsill u mhux fi ħdan ir-Reġjun Port kif inhu fil-preżent.

Wara diskussjoni libera bejn il-kunsill qablu unanimament illi l-'wheely bins' iġifieri l-iskips il-ħodor għandom jitneħħew mil-lokal minħabba 2 raġunijiet bażiċi li huma:

Il-kunsill irid ikompli jenfasizza illi hija mandatorja illi r-resident jirriċikla kif ukoll għal qgħada finanzjarja tal-istess kunsill fejn l-ispiża ħa titla' mal-50 elf fis-sena.

Is-Sindku ppropona li l-iskips jitneħħew mill-1 ta' Marzu 2023 u l-kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Is-Sindku żied jgħid illi bi ftehim mar-Reġjun Port biex jiġu printjati ittri u 'flyers' li ser jitqassmu f'kull residenza fil-lokal bl-informazzjoni li tinkludi t-tneħħija tal-iskips mil-lokal. Fejn kull sit li hemm skip ser titweħħel sticker mill-ġimgħa d-dieħla bħal avviż għal min jagħmel użu minnhom illi l-ġimgħa ta' wara dawn ser ikunu qed jitneħħew.

Is-Sindku qal illi din m'hijiex deċiżjoni popolari maċ-ċittadin imma wieħed irid jieħu din id-deċiżjoni għal benefiċċju ta' fatturi preżenti.

Is-Sindku żied jgħid illi wieħed irid jistenna li jara gorboġ boroż fejn ser jitneħħew dawn l-iskips fl-ewwel jiem sakemm tindara din is-sitwazzjoni

B. Punt 1.7.B 'Traffic Calmer' feedback mis-Sur Vincent Bongailas

Is-Sindku staqsa lis-Sur Bongailas kellux xi 'feedback' fuq dan il-punt mir-residenti li kienu kellmuh fuq din il-kwistjoni. Is-Sur Bongailas qal illi r-residenti ta' Triq il-Kapuċċini xtaqu appuntament mas-Sindku biex jiddiskutu s-sitwazzjoni preżenti ta' din it-triq.

## 2.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

**A Financial Statements 2022 u Budget 2023**

L-accountant tal-kunsill is-Sur Lawrence Manicaro għan-nom tas-Sur Arthur Turner kien preżenti waqt din il-laqgħa biex jispjega fid-dettal u teknikament l-abbozz ta' 'financial statements' li ġie ppreparat flimkien mas-Seg Eżek bi preparazzjoni għal awditjar tas-sena 2022 bħal kull sena skond il-proċeduri mibgħut lill-kunsill mid-dipartiment tal-kunsilli.

Wara l-ispjegazzjoni dettaljata li saret mill-accountant is-Sindku żied jgħid illi avolja din is-sena qed timmarka defiċit hu jinsab sodisfatt illi l-ispiżi bażiċi tal-kunsill wieħed seta' jara kif baqgħu l-istess jew saħansitra bilgħaqal matul is-sena tnaqqsu drastikament. Ma jfissirx li jinsab kuntent pero' li l-kunsill għalaq b'defisit imma dan huwa kuntratt bażiku li huwa neċessarju bħala servizz għal raġunijiet ovvji. Fuq l-istess nota s-Sindku saħaq li ser ikun qed ikompli jagħmel pressjoni mal-Gvern Ċentrali biex l-allokazzjoni tal-kunsill tal-Kalkara tiġi reveduta abbażi ta' dan id -defisit li ġie kważi wieħed ta' bilfors minħabba l-kuntratt ta' ġbir tal-iskart. Ser ikun qiegħed iħejji email formali u jitlob laqgħa formali mal-Ministru fi ħdan il-kunsill u jekk hemm bżonn ukoll mal-Ministru tal-finanzi biex jispjega s-sitwazzjoni prekarja tal-kunsill li qiegħed fiha u bla għajnuna ser tiġi waħda għar fiż-żmien qarib.

Is-Sindku żied jgħid illi kieku l-kunsill ma qgħadx bilgħaqal f'affarijiet oħra kien jgħalaq b'ħafna aktar defisit milli kif għalaq għas-sena 2022 li qed jirrifletti ċar illi l-ikbar spiża hija dik ta' ġbir ta' skart.

Il-Kunsill approva unanimament id-dokumenti ppreżentati waqt is-seduta:

Il-budget għas-sena 2023
Il-financial statements
Il-quarter financial report ( quarter 4)

Is-Seg Eżek bħala kap finanzjarju qalet illi kull spiża anke dik frivola ser tkun qed tirrifletti ħażin fuq il-kunsill li diġa' għandu sitwazzjoni prekarja li wieħed jista' jikkunsidra rrevedibli jekk l-allokazzjoni finanzjarja ser tibqa' dik li hi anzi ser tiggrava matul il-snin.

**B PC/00070/22**

Is-Sindku qal kif forsi wieħed hu konxju reġa' tweħħel permess fi Triq Patri Mattew Sultana mal-istess blokka illi kien inqala' naqra ta' furur anke mir-residenti u li anke l-kunsill kien diġa' għamel l-oġġezzjonijiet tiegħu minħabba l-'cart ruts' viċin is-sit. Is-Sindku spjega dan il-proponiment x'inhu u spjega illi bħal ma' diġa' kien il-kunsill għamel l-oġġezzjoni tiegħu tajjeb li jerġa' jdaħħal rappreżentazzjoni għal affini ta' x'insab arkejoloġikament u biex jissalvagwardjaw dak li qed isostnu r-residenzi fil-viċinanzi. Il-kunsill għandu jibqa' jsostni illi hu m'huwiex kontra l-iżvilupp fil-lokal inġenerali imma kontra dak l-iżviluppi li jistgħu jxekklu n-natura tal-lokal f'siti differenti.

**C Festa Ħelu**

Is-Sindku ħabbar illi nhar is-16 ta' April ser tkun qed tiġi organizzata Festa Ħelu 2023 u japprezza kull għajnuna mill-kunsilliera on the day tal-attivita' tkun ferm apprezata. Aktar dettalji ser ikunu qed jintbgħatu l-kunsilliera la darba ikun hemm konfermi ta' kif ser tinħadem.

## 2.5 Korrespondenza:

### A. Dementia Awareness MOU

Is-Sindku ppreżenta 'draft' ta' MOU preparat mill-AACC biex il-kunsill ikun 'dimensia friendly' u jkun parti wkoll minn din l-inizjattiva fost kunsilli oħra. Is-Sindku qal ukoll illi l-kunsilliera Speranza Chircop diġa' għandha kuntatti tajbin mal-istess ACCAA u qed tibbenefika mis-servizzi tagħhom anke waqt l-attivitajiet li torganizza hi stess għal anzjani.

### B. Poeżija Charles Flores

Is-Sindku qal illi s-Sur Flores kiteb poeżija idonja biex titpoġġa fuq irħama fi Ġnien Rinella biex anke l-ġnien ikollu xi ħaġa Kalkariża. Is-Sindku qal illi wieħed irid jara x'permessi hemm bżonn biex dan isir kif ukoll spejjeż li wieħed irid jagħmel biex din ix-xewqa li għandu s-Sur Charles Flores tiġi realta'.

C. **Siġra Rnella Housing Estate-** Is-Sindku spjega l-kunsill illi l-'Contracts Manager' ġibed l-attenzjoni tal-kunsill fuq siġra taċ-Ċipress illi qiegħeda ta' periklu n-naħa tal-Housing Estate ta' Triq is-Sibi. Il-kunsill talab lis-Seg Eżek iġib il-pariri neċessarji qabel ma wieħed jieħu deċiżjoni finali forsi mill-ġardinar u mill-awtoritajiet ikkonċernati.

### D. Laqgħa Formali- Każin tal-Malta

Is-Sindku qal illi wara l-laqgħa li saret ma' każin mit-tnejn wieħed irid jaħseb biex tiġi skedata laqa' mal-każin tas-Sagra biex hekk wieħed jiġbor punti kollha tal-każini tal-lokal u anke jiżen u jiddiskuti dak li wieħed jista' jgħin fih bħala kunsill.

e. Is-Sindku nforma l-kunsill illi fl-aħħar ġranet kien qiegħed jikkomunika ma' xi pajjiżi biex ikun jista' jissieħeb magħhom għal ġemellaġ fil-futur biex b'hekk wieħed ukoll jieħu u jisma' esperjenzi ġodda li jistgħu wkoll ikunu ta' eżempju għal lokal tal-Kalkara fuq temi differenti

Is-Sindku diġa' bgħat email il-lead partner għal aktar informazzjoni.

**2.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ;**

**A Speranza Chicop**

A. Ħarġa Kulturali- Ser tkun qed torganizza breakfast u talk nhar il-23 ta' Frar addattat għal anzjani kollha.

**B.** Kooperazzjoni CCC - Is-Sinjura Speranza Chircop sostniet illi hemm bżonn terġa' tinbeda għal kollaborazzjoni futura.

c. Transport – Ħafna lmenti fuq it-transport pubbliku fejn hi wkoll qed tkellem il-awtoritajiet ikkonċernati biex dawn l-ilmenti jiġu mħarsa mill-awtorita' kkonċernata. Hija wkoll infurmat l-uffiċju amministrattiv tal-kunsill li saħansitra għamel rapport bil-miktub li l-istess awtorita' responsabbli.

**2.7Punti Ġenerali**

**Maria Sultana**

Is-Sinjura Sultana nnutat illi ż-żona ta' Ġnien Nicole Zahra hemm ħafna ħaxix aħdar fuq il-bankina perikoluż biex tittieħed azzjoni mmedjata ħabba saħħa u sigurta'.

**2.8 Mistoqsijiet lis-Sindku :**

Vincent Bongailas qal illi dak li xtaq isaqsi lis-Sindku ġie diskuss aktar kmieni f'din is-seduta.

**2.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx Hemm

**2.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 2.23

**2.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fin-12:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata ghat-28 ta' Marzu 2023 fl 4:00 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum ________________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv